# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 694/16/1 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**v.**

**1. Act Operators Limited (C-18641), u**
**2. Travellers Lodge Company Limited (C-12962)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq miż-żewġ kumpaniji konvenuti kontra provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Jannar, 2022, li permezz tiegħu huma ġew iddikjarati bħala kontumaċi fil-kawża, wara li ġew imneħħija r-risposta maħlufa u l-kontrotalba tal-istess kumpaniji konvenuti, peress li dawn l-atti ġudizzjarji

ġew ippreżentati minnhom bil-benefiċċju tal-għajnuna legali, meta huma suppost ma kellhomx jedd bil-liġi li jingħataw dak il-benefiċċju.

## Daħla

2. B'rikors maħluf tat-12 ta' Awwissu, 2016, Bank of Valletta p.l.c. talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«i. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta Act Operators Limited hija moruża u għandha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u seba' mitt elf, sitt mija u erbgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€407,640.34) bħala konsiderazzjoni għall-istess management agreement għal ħames (5) snin, kif stipulat fil-paragrafu "b" tal-imsemmija skrittura datata 2 ta' Jannar 1996, jew 2 ta' Jannar 1999, (Dok B);*

*ii. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Act Operators Limited tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' erba' mija u seba' mitt elf, sitt mija u erbgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€407,640.34) bħala konsiderazzjoni għall-istess managment agreement għal ħames (5) snin, kif stipulat fil-paragrafu "b" tal-imsemmija skrittura datata 2 ta' Jannar 1996, jew 2 ta' Jannar 1999, (Dok B);*

*iii. Tiddikjara l-ftehim ossia kuntratt li sar bejn is-soċjetà konvenuta Travellers Lodge Company Limited u s-soċjetà Act Operators Limited li jġib id-data 2 ta' Jannar 1996 jew 2 ta' Jannar 1999 (Dok "B") terminat u m'għadux aktar fis-seħħ u li għalhekk ma għandu l-ebda validità fid-dritt;*

*iv. Tiddikjara għalhekk li l-konvenuta Act Operators Limited ma għandha l-ebda dritt la reali, la personali u ġeneralment bl-ebda dritt ta' kwalsiasi natura fuq xi ambjent mill-binja tal-lukanda "Travellers Lodge Hotel", Pioneer Road, Buġibba, San Pawl il-Baħar u li għalhekk ma għandhiex dritt tirċievi ebda ħlasijiet għall-okkupazzjoni ta' xi ambjent mill-imsemmija lukanda da parti ta' terzi*

*v. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Act Operators Limited tiżgombra minn kwalsiasi ambjent tal-fond "Travellers Lodge Hotel", Pioneer Road Buġibba, San Pawl il-Baħar fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti;*

*vi. Tiddikjara li konsegwentement l-kirjiet li saru bl-iskritturi ta' kera, wieħed fis-6 ta' Marzu 2007 ma' Huang Jun (Dok. "C") u l-ieħor fl-20 ta'*

*April 2007 ma' Christopher Borg (Dok "D") huma llum kirjiet mas-soċjetà attriċi u mhux mal-konvenuta Act Operators Limited;*

*vii. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Act Operators Limited responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi, partikolarment imma mhux esklussivament għat-telf ta' kirjiet u telf ieħor riżultanti min-nuqqas ta' disponibbiltà tat-Travellers Lodge Hotel, Pioneer Road Buġibba, San Pawl il-Baħar għas-soċjetà attriċi u danni oħra li saru lill-istess lukanda;*

*viii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, okkorendo bl-opra ta' Perit nominandi;*

*ix. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Act Operators Limited tħallas lis-soċjetà attriċi id-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tat-18 ta' Marzu 2015 u 24 ta' Ġunju 2016 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenuta Act Operators Limited u bl-inġunzjoni tal-konvenuti li huma minn issa nġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni.»*

3. Fit-3 ta' Novembru, 2016 (ara paġna 315 tal-atti tal-kawża), Antonio Mario Vella ressaq rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jikseb il-benefiċċju għall-għanjuna legali ħalli b'hekk ikun jista' jwieġeb għal din il-kawża.

4. B'digriet mogħti dakinhar stess (ara paġna 316 tal-atti tal-kawża), l-Imħallef tal-għassa laqgħet din it-talba u ħatret lill-Avukat Christopher Chircop u lill-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo sabiex jipprovdu l-għajnuna legali tagħhom.

5. Fil-21 ta' Novembru, 2016, iż-żewġ kumpaniji konvenuti flimkien ma' Antonio Mario Vella bħala direttur tagħhom ressqu risposta maħlufa u kontrotalba (ara paġni 61 sa 66 tal-atti tal-kawża, li aktar tard ġew

imneħħija b'riħet il-provvediment tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Jannar, 2022). Dawn l-atti ġudizzjarji ġew iffirmati mill-Avukat Christopher Chircop u mill-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo.

6. Il-bank attur wieġeb għall-kontrotalba fl-14 ta' Diċembru, 2016 (ara paġni 68 sa 72 tal-atti tal-kawża);

7. Fis-7 ta' Jannar, 2020, l-Avukat Christopher Chircop ressaq rikors fejn talab lill-Ewwel Qorti sabiex taħtar avukat tal-għajnuna legali ieħor minfloku biex jassisti lill-kumpaniji konvenuti peress li kellu mnejn jibda joffri xi servizzi legali lill-bank attur (ara paġna 294 tal-atti tal-kawża). Din it-talba ġiet milqugħa b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2020 (ara paġna 295 tal-atti tal-kawża) u l-Ewwel Qorti ordnat biex jitqabbad l-avukat li jmiss fuq il-lista tal-avukati tal-għajnuna legali.

8. Minflok l-Avukat Christopher Chircop daħlet l-Avukata Leontine Calleja.

9. Fis-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2021 (ara paġna 319 tal-atti tal-kawża), l-Avukati Joseph Bonello u Carmel Gatt iddikjaraw li kienu qegħdin jassumu l-patroċinju tal-kumpaniji konvenuti.

10. L-avukat tal-Bank attur irreaġixxa għal dan, billi saħaq li ladarba l-

kumpaniji konvenuti qegħdin jiddefendu din il-kawża bil-patroċinju gratwit, allura ma jistgħux jidħlu avukati oħra minflok l-avukat tal-għajnuna legali. Minbarra dan, l-istess avukat tal-bank attur saħaq ukoll li jekk kemm-il darba r-risposta maħlufa u l-kontrotalba tal-kumpaniji konvenuti ġew ippreżentati b'xejn, allura skont l-**Artikoli 922(1)** u **926 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** dawn l-atti ġudizzjarji ma jiswewx.

11. Fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2021 telgħet tixhed Eunice Grech Fiorini, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Għas-Servizzi tal-Qrati, fejn qalet li t-talba għall-benefiċċju għall-għajuna legali saret personalment minn Mario Anthony Vella u li għalkemm ir-risposta maħlufa u l-kontrotalba saru mill-avukat tal-għajnuna legali f'isem Act Operators Limited, Travellers Lodge Company Limited u Anthony Mario Vella bħala direttur tagħhom, madankollu l-kumpaniji konvenuti qatt ma ġew awtorizzati li jkollhom il-benefiċċju tal-għajnuna legali (ara paġni 331 u 332 tal-atti tal-kawża).

12. Wara din ix-xhieda, il-bank attur ressaq rikors fit-13 ta' Lulju, 2021 (ara paġni 333 sa 335 tal-atti tal-kawża) u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti qatt ma ġew awtorizzati jippreżentaw eċċezzjonijiet u kontrotalba bil-benefiċċju gratuwitu (legal aid);*
>
> *2. Tiddikjara li konsegwentement ir-risposta ġuramentata u kontrotalba ppreżentati mis-soċjetajiet konvenuti fil-21 ta' Novembru 2016 huma nulli u invalidi fil-liġi;*

*3. Tordna, in konsegwenza tad-deċiżjoni fuq it-talbiet preċedenti, l-isfilz tal-istess risposta ġuramentata u kontrotalba tas-soċjetajiet konvenuti ppreżentata fil-21 ta' Novembru 2016 mill-atti ta' din il-kawża; u*

*4. Tiddikjara li għar-raġunijiet fuq imsemmija, is-soċjetajiet konvenuti llum jinsabu fi stat ta' kontumaċja.»*

13. Il-kumpaniji konvenuti wieġbu għal dan ir-rikors fil-21 ta' Ottubru, 2021 u taw ir-raġunijiet tagħhom għala dan ir-rikors għandu jiġi miċħud (ara paġni 339 sa 344 tal-atti tal-kawża).

14. Wara li nżammet seduta fit-30 ta' Novembru, 2021 fejn ġie trattat dan ir-rikors tal-bank attur (ara paġna 376 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti fil-11 ta' Jannar, 2022 tat dan il-provvediment li ġej (ara paġni 380 sa 383 tal-atti tal-kawża), li minnu sar l-appell tal-lum:

*«Jirriżulta illi permezz ta' rikors datat 3 ta' Novembru 2016, Antonio Mario Vella talab li jigi ammess għall-benefiċċju gratwitu biex jagħmel risposta fil-kawża 694/16 (din il-kawża), dan tramite l-uffiċċju tal-għajnuna legali, speċifikatament bis-servizz tal-Aġent Avukat Kap għall-għajnuna Legali Malta. B'digriet li jġib l-istess data din il-Qorti diversament preseduta, assenjat lilu, l-avukat u l-prokuratur legali li kien imisshom skont it-turn.*

*Fil-21 ta' Novembru 2016 ġiet preżentata risposta u kontrotalba f'din il-kawża minn Act Operators Limited u Travellers Lodge Company Limited.*

*Jirriżulta b'hekk illi Antonio Mario Vella personalment mhuwiex u qatt ma kien parti f'din il-kawża.*

*L-Art. 926 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:*

> *"Kumpanniji reġistrati skont l-Att dwar il-Kumpanniji m'humiex intitolati għall-benefiċċju tal-għajnuna legali."*

*L-Art. 922(1) jipprovdi inoltre illi:*

> *"Huma nulli l-atti kollha li jiġu ppreżentati mill-parti li tkun qed timxi bil-benefiċċju ta' għajnuna legali jekk dawk l-atti ma jkunux skont it-termini tal-ammissjoni għal dak il-benefiċċju."*

*Tenut kont illi talba għall-ammissjoni għall-għajnuna legali saret minn Antonio Mario Vella biss u l-għajnuna ġiet akkordata lilu biss u mhux lis-soċjetajiet a tenur tal-fuq ċitat Art. 922(1), hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-risposta u l-kontrotalba ma sarux skont it-termini tal-ammissjoni għall-benefiċċju.*

*Il-Qorti tqis li ma tiswiex ir-risposta tas-soċjetajiet intimati illi dawn ħallew il-proċeduri għaddejjin bla ma ssollevaw ebda oġġezzjoni u ħallew isiru atti oħra wara u dan skont ma jipprovdi l-Art. 789(2) tal-Kap. 12. Il-provvediment minnhom ċitat japplika biss għal nullità taht l-artikolu 789(1)(ċ) (vjolazzjoni tal-forma). F'dan il-każ, in-nullità reklamata ma taqax taħt dan il-Kap.*

*Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:*

*1. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta*[1] *qatt ma ġew awtorizzati jippreżentaw eċċezzjonijiet u t-talba bil-benefiċċju gratwitu;*

*2. Tiddikjara li konsegwentement ir-risposta guramentata u t-talba*[2] *ppreżentata fil-21 ta' Novembru 2016 huma nulli u invalidi fil-liġi;*

*3. Tordna l-isfilz tal-eċċezzjonijiet u l-kontrotalba ppreżentati fil-21 ta' Novembru 2016 mill-atti tal-kawża; u*

*4. Tiddikjara li s-soċjetajiet konvenuti huma fi stat ta' kontumaċja.*

*L-ispejjeż ta' dan l-inċident jitħallsu mis-soċjetajiet konvenuti.»*

15. B'rikors imressaq fl-14 ta' Jannar, 2022 (ara paġna 390 tal-atti tal-kawża), Anthony Mario Vella bħala difensur u bħala direttur u rappreżentant taż-żewġ kumpaniji konvenuti talab lill-Ewwel Qorti sabiex tagħtih il-jedd li jressaq appell minn dan il-provvediment.

16. Il-bank attur wieġeb għal dan ir-rikors fis-26 ta' Jannar, 2022 u

[1] B'digriet tal-1 ta' Marzu, 2022 (ara paġna 389 tal-atti tal-kawża) l-Ewwel Qorti ordnat li l-kliem «*soċjetà konvenuta*» jinbidlu bil-kliem «*soċjetajiet konvenuti.*»

[2] Bl-istess digriet tal-1 ta' Marzu, 2022 (ara paġna 389 tal-atti tal-kawża) l-Ewwel Qorti ordnat li l-kelma «*talba*» tinbidel bil-kelma «*kontrotalba.*»

insista biex ma tingħatax din l-awtorizzazzjoni għall-appell (ara paġni 384 sa 385 tal-atti tal-kawża).

17. B'digriet mogħti fl-1 ta' Marzu, 2022 (ara paġna 393 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti iżda ċaħdet dan ir-rikors. Dan id-digriet jaqra hekk:

> *«Reġgħet rat ir-rikors;*
>
> *Rat ir-risposta;*
>
> *Peress illi ma nġabet lillha ebda raġuni valida biex tissostanzja t-talba, tiċħad l-istess;*
>
> *L-ispejjeż ta' dan l-inċident jitħallsu mill-istess rikorrenti.»*

18. Fl-14 ta' Marzu, 2022 (ara paġni 396 u 397 tal-atti tal-kawża), iż-żewġ kumpaniji konvenuti ressqu rikors biex iqanqlu l-kwistjoni li d-digriet tal-11 ta' Novembru, 2021 (*recte*: tal-11 ta' Jannar, 2022) imur kontra l-jeddijiet tagħhom ta' smigħ xieraq, kif imħarsa bl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u bl-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

19. Il-bank attur wieġeb fit-12 ta' April, 2022 u saħaq li din il-kwistjoni mqanqla mill-kumpaniji konvenuti hija waħda fiergħa u vessatorja (ara paġni 402 sa 403 tal-atti tal-kawża).

20. B'digriet mogħti fl-1 ta' Novembru, 2022, l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba taż-żewġ kumpaniji konvenuti biex tistħarreġ il-kwistjoni kostituzzjonali/konvenzjonali mqanqla minnhom (ara paġni 408 u 409 tal-

atti tal-kawża).

21. Mhux rassenjati, iż-żewġ kumpaniji konvenuti ressqu rikors ieħor fl-4 ta' Novembru, 2022 (ara paġni 411 sa 413 tal-atti tal-kawża), fejn fih talbu lill-Ewwel Qorti sabiex tħassar dan id-digriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2022 minħabba li skont l-**Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**, kulħadd għandu jedd għas-smigħ xieraq, inkluż ukoll kumpaniji.

22. Il-bank attur oġġezzjona għal dan ir-rikors, b'risposta mressqa fl-24 ta' Jannar, 2023 (ara paġni 418 sa 420 tal-atti tal-kawża).

23. B'digriet tad-9 ta' Mejju, 2023 (ara paġna 425 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ċaħdet dan ir-rikors tal-kumpaniji konvenuti għaliex dehrilha li ma nġabux raġunijiet validi għaliex hija kellha għalfejn titbiegħed mid-digriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2022.

24. L-għada stess, fl-10 ta' Mejju, 2023, il-kumpaniji konvenuti ressqu rikors li permezz tiegħu talbu lill-Ewwel Qorti sabiex tawtorizzahom jappellaw mid-digriet tad-9 ta' Mejju, 2023 (ara paġna 429 tal-atti tal-kawża). Kif mistenni, b'risposta tat-22 ta' Mejju, 2023, il-bank attur oġġezzjona wkoll għal din it-talba (ara paġni 426 sa 428 tal-atti tal-kawża).

25. B’digriet mogħti fit-30 ta’ Ottubru, 2023 (ara paġna 433 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti din id-darba tat il-permess tagħha biex ikun jista’ jsir dan l-appell, għar-raġunijiet li fissrithom hekk:

> *«Peress illi tqis għaqli li l-kwistjoni tiġi definittivament deċiża mingħajr aktar dilungar;*
>
> *Tilqa’ t-talba u tawtorizza l-appell kif mitlub.»*

26. Fit-2 ta’ Novembru, 2023, Antonio Mario Vella bħala rappreżentant u direttur taż-żewġ kumpaniji konvenuti ressaq dan l-appell, li dwaru qiegħda tingħata din id-deċiżjoni. Fl-ewwel paġna tal-appell hemm miktub «*P.P.*» bil-linka blu u jirriżulta li ma tħallas l-ebda dritt lir-reġistru biex tressaq dan l-appell.

27. F’dan ir-rikors tal-appell ġie mfisser li l-kumpaniji konvenuti jħossuhom aggravati mill-fatt li bit-tneħħija tar-risposta maħlufa u tal-kontrotalba, huma ġew imqiegħda f’sitwazzjoni li ma jistgħux jiddefendu l-każ tagħhom. Huma jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex bażi legali sabiex tneħħi dawn l-atti ġudizzjarji għaliex fil-*proviso* tal-**Artikolu 911(4) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** hemm miktub li:

> *«jekk il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sussegwentement teskludi l-benefiċċju għal għajnuna legali, dan ma jġibx in-nullità ta’ xi att ġudizzjarju li jkun ġie preżentat b’dak il-benefiċċju iżda għandu biss itemm għaż-żmien ta’ wara l-benefiċċju tal-għajnuna legali mogħti kif imsemmi qabel, u l-qorti tista’ tordna li min ikun tneħħielu dak il-benefiċċju jkollu jħallas l-ispejjeż kollha li jkunu saru.»*

28. Minħabba f'hekk ġie mitlub biex din il-Qorti tal-Appell:

> *«A. Tordna r-revoka tad-digriet tal-11 ta' Jannar, 2022*[3] *tal-Ewwel Qorti fejn l-istess Qorti ddikjarat lill-esponenti bħala kontumaċi.*
>
> *B.Tordna l-infilzar mill-ġdid ta' kull att li ġie ppreżentat mill-esponenti;*
>
> *Ċ. Tordna li l-istess rikors jsegwi l-iter normali tiegħu billi jibdew jinġabru l-provi tal-esponenti.»*

29. Fit-8 ta' Novembru, 2023, l-Uffiċjal Anzjan Għall-Għajnuna Legali ppreżenta nota fejn ġibed l-attenzjoni għall-fatt, li għalkemm fir-rikors tal-appell hemm indikat li l-kawża ġiet ippreżentata bil-mezz tal-«*in forma pauperis*» (P.P), madankollu ż-żewġ avukati, Joseph P. Bonello u Carmel Gatt, li ffirmaw l-appell mhumiex fuq il-lista uffiċjali tal-Avukati tal-Għajnuna Legali skont l-**Artikolu 89 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Minbarra dan, l-istess Uffiċjal Anzjan qal ukoll li Antonio Mario Vella bħala direttur taż-żewġ kumpaniji konvenuti ma jistax jibbenefika mill-għajnuna legali skont l-**Artikolu 926 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u li l-benefiċċju tal-għajnuna legali li kiseb, kien ġie mogħti lilu bi żball għaliex il-kawża tal-lum ma saritx kontrih personali iżda saret kontra l-kumpaniji li huwa jmexxi.

30. Il-bank attur wieġeb għal dan l-appell fl-14 ta' Novembru, 2023 u semma għaliex dan ma jistħoqqlux li jintlaqa'. Fost ir-raġunijiet imsemmija mill-bank attur kien hemm ukoll in-nullità tal-appell għaliex il-bank jgħid li

[3] Il-kliem «*tal-11 ta' Jannar, 2022*» ġew miżjuda fuq talba għall-korrezzjoni magħmula mill-avukati tal-kumpaniji appellanti waqt is-seduta tal-1 ta' Frar, 2024.

dan l-appell sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti.

31. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 2024, fejn l-avukati tal-partijiet ingħataw il-jedd li jressqu s-sottomissjonijiet kollha tagħhom u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

32. Qabel ma' din il-Qorti tgħaddi biex tqis l-appell tal-kumpaniji konvenuti, hemm bżonn li din il-Qorti tindirizza l-preġudizzjali mqajma mill-bank appellat dwar is-siwi tar-rikors tal-appell, għaliex jekk jinstab li dan huwa fejjiedi, allura l-appell jista' jieqaf hawn.

33. F'din il-preġudizzjali, il-bank appellat qed isostni li l-appell tal-kumpaniji appellanti huwa null għaliex l-Ewwel Qorti qatt ma tat l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex ikun jista' sir appell mill-provvediment tagħha tal-11 ta' Jannar, 2022, li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti kienet ordnat it-tneħħija tar-risposta maħlufa u poġġiet lill-kumpaniji konvenuti fi stat ta' kontumaċja.

34. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li hija taqbel ma' dak li ġie mfisser mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Raymond Vassallo v. L-Avukat tal-Istat*** mogħtija fl-1 ta' Diċembru, 2021, illi deċiżjoni ta' qorti, li fl-istess ħin

tiddikjara kemm il-kontumaċja tal-parti, kif ukoll l-isfilz tar-risposta tal-konvenut mhijiex digriet iżda hija sentenza.

35. Jiġi b'hekk, li provvediment bħal dak mogħti mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Jannar, 2022, fejn iż-żewġ kumpaniji konvenuti appellanti ġew iddikjarati bħala kontumaċi għax tneħħitilhom ir-risposta maħlufa tagħhom, għandu jitqies li huwa suġġett għar-regoli dwar appelli minn sentenzi parzjali u mhux għar-regoli dwar appelli minn digrieti.

36. Fil-verità għalhekk il-kumpaniji konvenuti mhumiex teknikament korretti meta fir-rikors tal-appelll tagħhom huma jirreferu għall-provvediment tal-11 ta' Jannar, 2022 bħala digriet.

37. Lil hemm minn dan, però skont il-*proviso* tal-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jista' jsir appell minn sentenza li ma tkunx finali, jekk kemm-il darba l-Ewwel Qorti tagħti l-permess tagħha biex ikun jista' jsir appell.

38. Dan il-permess biex isir l-appell għandu jintalab bil-fomm dakinhar li tingħata s-sentenza parzjali jew inkella permezz ta' rikors li għandu jitressaq fi żmien sitt ijiem minn meta tingħata dik is-sentenza li dwarha qed jintalab li jsir l-appell (ara wkoll ***Roberto Carlos Calleja v. Annot Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru, 2009).

Mingħajr dan il-permess tal-Ewwel Qorti, kull appell li jitressaq huwa null (ara ***Michele Peresso Limited v. De Tigne Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021);

39. Ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Dragonara Gaming Limited v. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi et*** mogħtija fit-13 ta' Frar, 2020, li qabel daħlu fis-seħħ l-emendi fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** b'riħet l-**Att XXIV tal-1995**, kien fid-diskrezzjoni assoluta tal-parti telliefa jekk tagħżilx li tappella minnufih minn sentenza parzjali, inkella jekk tistenniex biex tappella minnha fl-aħħar, flimkien mas-sentenza finali.

40. Permezz tal-**Att XXIV tal-1995** il-leġislatur iżda, għalkemm ma neħħiex għalkollox id-dritt tal-parti telliefa milli tappella minnufih minn sentenza parzjali, għamilha kundizzjonata għall-kisba tal-permess tal-Qorti li tkun tat dik is-sentenza parzjali.

41. Il-ħsieb tal-liġi li tħalli f'idejn l-Ewwel Qorti li tiddeċiedi hi jekk għandux jitħalla jsir appell mis-sentenza parzjali mill-ewwel jew le, huwa biex kemm jista' jkun trażżan lill-parti telliefa milli ttawwal bla raġuni tajba l-mixi 'l quddiem ta' kawża billi tressaq appell qabel ma l-każ ikun inqata' b'sentenza finali (ara ***George Vella noe et v. Rev. Charles Ċini*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar, 2004 u ***Isabella Zananian Desira v.***

***Kunsill Mediku*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu, 2017).

42. Huwa sewwasew għalhekk li l-permess biex jingħata appell minn sentenza parzjali taħt l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** m'għandhiex tkun ir-regola iżda għandha tkun l-eċċezzjoni meta tiġi murija raġuni tajba li jkun aħjar li l-appell mis-sentenza parzjali jsir mill-ewwel u mhux aktar tard (ara f'dan is-sens ***Tigran Arutyunyan v. Property Consultants Atw Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Lulju, 2017).

43. Sewwasew fil-każ tagħna jirriżulta, kif imfisser fid-daħla ta' din id-deċiżjoni, li ż-żewġ kumpaniji konvenuti kienu b'rikors tal-14 ta' Jannar, 2022 talbu l-permess tal-Ewwel Qorti biex jappellaw mid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Jannar, 2022. Madankollu, dan il-permess ġie miċħud lilhom mill-Ewwel Qorti b'digriet tal-1 ta' Marzu, 2022.

44. Tajjeb jew ħażin, ladarba l-Ewwel Qorti ma tatx l-awtorizzazzjoni tagħha biex ikun jista' jsir appell mid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Jannar, 2022, allura dan ifisser li ż-żewġ kumpaniji appellanti setgħu biss jappellaw minn din id-deċiżjoni flimkien mas-sentenza finali u mhux f'dan l-istadju meta l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għadhom għaddejjin.

45. Rilevanti li jingħad, li l-Ewwel Qorti kienet sewwiet xi żbalji li kien hemm fil-provvediment tagħha tal-11 ta' Jannar, 2022 bis-saħħa ta' digriet tal-1 ta' Marzu, 2023, wara li kienet saritilha talba mill-bank attur taħt l-**Artikolu 825 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Wieħed għalhekk forsi jista' jargumenta b'suċċess li l-kumpaniji konvenuti setgħu jressqu talba ġdida biex jappellaw minn dan il-provvediment kif korrett. B'danakollu ż-żewġ kumpaniji konvenuti ma ressqux talba ġdida biex jappellaw mill-provvediment tal-11 ta' Jannar, 2023, kif korrett fl-1 ta' Marzu, 2023, fiż-żmien imsemmi fil-*proviso* tal-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

46. Minħabba f'hekk din il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li l-bank attur għandu raġun fil-preġudizzjali tiegħu li l-kumpaniji konvenuti ma kellhomx il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex iressqu dan l-appell mid-deċiżjoni tal-kontumaċja tagħhom u li għalhekk dan l-appell tagħhom għandu jitqies bħala null.

47. Il-kumpaniji appellanti iżda jgħidu fl-appell tagħhom li huma ngħataw il-permess biex jappellaw mill-Ewwel Qorti permezz tad-digriet tat-30 ta' Ottubru, 2023.

48. Din il-Qorti iżda ma taqbilx mal-kumpaniji konvenuti għaliex bid-digriet tat-30 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti tathom il-permess biss li

jappellaw mid-digriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2023, fejn fih hija kienet qalet li ma nġabux minnhom raġunijiet tajba biex titbiegħed mid-digriet preċedenti tagħha tal-1 ta' Novembru, 2022, meta kienet ċaħdet it-talba tagħhom biex tistħarreġ il-kwistjoni ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali dwar ksur ta' smigħ xieraq li kienet ġiet imqanqla minnhom.

49. Ma setgħux għalhekk il-kumpaniji konvenuti jinqdew bid-digriet tal-Ewwel Qorti mogħti fit-30 ta' Ottubru, 2023 sabiex jappellaw mid-deċiżjoni tal-11 ta' Jannar, 2023. Dan għaliex il-permess għall-appell li tat l-Ewwel Qorti kien relatat biss dwar jekk għandhiex tiġi mistħarrġa l-kwistjoni kostituzzjonali/konvenzjonali mqanqla minnhom.

50. Bla ma għandha għalfejn toqgħod tidħol fuq il-kwistjoni dwar jekk skont l-**Artikolu 229(1)(k) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jistax isir appell qabel is-sentenza finali, minn digriet li jkun ċaħad talba għar-revoka ta' digriet preċedenti, din il-Qorti tqis li ż-żewġ kumpaniji appellanti mxew b'mod skorrett għall-aħħar, meta ppruvaw jirkbu fuq id-digriet tat-30 ta' Ottubru, 2023 biex jippruvaw jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mogħtija fil-11 ta' Jannar, 2023.

51. Tassew iż-żewġ kumpaniji konvenuti u ż-żewġ avukati li ffirmaw dan l-appell, kienu jafu li l-Ewwel Qorti kienet b'digriet tal-1 ta' Marzu, 2023 ċaħdet it-talba biex isir appell mid-deċiżjoni tagħha tal-11 ta' Jannar,

2023. It-tentattiv taż-żewġ kumpaniji konvenuti u taż-żewġ avukati tagħhom biex jużaw dan l-appell biex jippruvaw jikkontestaw id-deċiżjoni tal-11 ta' Jannar, 2023 ma jistax għalhekk ħlief jitqies bħala wieħed għalkollox fieragħ għaliex sar kontra r-rieda espressa tal-Ewwel Qorti; biex ma ngħidux ukoll vessatorju għaliex dan l-appell spiċċa biex waqqaf ukoll lill-Ewwel Qorti milli tkompli bil-kawża.

52. L-istess appell li din il-Qorti qiegħda tiddikjarah bħala wieħed null, serva biss ukoll biex ħela l-ħin prezzjuż ta' din il-Qorti li kellha toqgħod tistħarreġ dan l-appell irregolari minflok toqgħod tqis appelli oħra.

53. Sfiq ma' dan, din il-Qorti jkollha tistqarr li hija tinsab tabilħaqq imħassba bil-fatt li l-Avukati Joseph P. Bonello u Carmel Gatt iffirmaw appell, li ġie ppreżentat *in forma pauperis,* tant li ma tħallas l-ebda dritt lir-reġistru, meta skont nota tal-Uffiċjal Anzjan Għall-Għajnuna Legali dawn iż-żewġ avukati mhumiex fuq il-lista uffiċjali tal-Avukati tal-Għajnuna Legali skont l-**Artikolu 89 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan kollu f'ċirkostanzi meta jirriżulta li l-kumpaniji konvenuti appellanti m'għandhomx favurihom il-benefiċċju tal-għajnuna legali b'xejn għaliex dan ġie mogħti biss lil Antonio Mario Vella għalih personali.

54. Naturalment billi l-kumpaniji appellanti ma jgawdux mill-benefiċċju tal-għajnuna legali huma għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha relatati ma'

dan l-appell u għal dan il-għan il-Qorti qiegħda tordna komunika lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jintaxxa dawn il-proċeduri tal-appell.

55. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tqis ukoll li hemm lok biex fit-termini tal-**paragrafu 10(1) ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** tikkundanna liż-żewġ kumpaniji konvenuti spejjeż addizzjonali ta' €1,000 flimkien bejniethom.

56. Mhux hekk biss, fit-termini tal-**paragrafu 10(2) ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti jidhrilha wkoll li l-Avukati Joseph P. Bonello u Carmel Gatt huma responsabbli għal dan l-appell fieragħ u vessatorju, li tawwal bla bżonn il-proċeduri li hemm għaddejja quddiem l-Ewwel Qorti. Għalhekk din il-Qorti tqis li hemm lok biex dawn iż-żewġ avukati jiġu riferuti lill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali fi ħdan il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja sabiex jinvestiga jekk dawn iż-żewġ avukati humiex ħatja ta' mġieba ħażina skont l-**Att dwar Kummissjoni Għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (Kap. 369 tal-Liġijiet ta' Malta)**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiddikjara l-appell tal-kumpaniji konvenuti bħala wieħed null u għalhekk qiegħda tieqaf milli tqisu iktar.

Kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jintaxxa l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri tal-appell daqslikieku dawn ġew imressqa b'mod normali u mhux *in forma pauperis.*

L-ispejjeż kollha relatati ma' dan l-appell għandhom jiġu mħallsa miż-żewġ kumpaniji konvenuti flimkien bejniethom. Minbarra dan, iż-żewġ kumpaniji konvenuti qegħdin jiġu wkoll ikkundannati li jħallsu €1,000 lir-Reġistratur tal-Qorti skont **paragrafu 10(1) ta' Tariffa A** mehmuża mal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

Fl-aħħar nett, fit-termini tal-**paragrafu 10(2) ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din il-Qorti tqis li hemm lok biex l-Avukati Joseph P. Bonello u Carmel Gatt jiġu riferuti lill-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali fi ħdan il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

L-atti ta' din il-kawża għandhom jinbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tkompli bil-każ.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm